

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1684

tat-28 ta' Settembru 2022

dwar l-ekwivalenza tal-qafas regolatorju għall-kontropartijiet ċentrali fit-Tajwan * għar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Kmamar tal-Ikklijar tal-Futures taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni Superviżorja Finanzjarja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-proċedura għar-rikonoxximent ta' kontropartijiet ċentrali (central counterparties, "CCPs") stabbiliti f'pajjiżi terzi, stipulata fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, għandha l-għan li tippermetti lis-CCPs stabbiliti u awtorizzati f'pajjiżi terzi li għandhom standards regolatorji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament, li jipprovdu servizzi ta' klijar lill-membri tal-ikklijar jew liċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni. Il-proċedura ta' rikonoxximent u d-deċiżjoni ta' ekwivalenza prevista fiha għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ġenerali tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li jitnaqqas ir-riskju sistemiku billi jiġi estiż l-użu ta' CCPs sikuri u sodi biex jikklijaw il-kuntratti tad-derivattivi barra l-borża ("OTC"), inkluż fejn dawk is-CCPs ikunu stabbiliti u awtorizzati f'pajjiżi terzi.
- (2) Sabiex reġim legali ta' pajjiżi terzi jkollha ekwivalenti għar-reġim legali tal-Unjoni fir-rigward ta' CCPs, l-eżitu sostantiv tal-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli jenħtieġ li jkun ekwivalenti għar-reqwiziti tal-Unjoni rigward l-oġettivi regolatorji li jiksbu. L-għan ta' din il-valutazzjoni tal-ekwivalenza huwa għalhekk li jiġi vverifikat li l-arranġamenti legali u superviżorji tat-Tajwan jiżguraw li s-CCPs stabbiliti u awtorizzati fit-Tajwan ma jesponux lill-membri tal-ikklijar u liċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni għal livell oġhla ta' riskju milli dawn tal-aħħar jistgħu jkunu esposti għalih mis-CCPs awtorizzati fl-Unjoni u, konsegwentement, ma johlqux livelli inaċċettabbli ta' riskju sistemiku fl-Unjoni. Ir-riskji ferm aktar baxxi inerenti f'attivitajiet ta' klijar imwettqa fis-swieq finanzjarji li huma iżgħar mis-suq finanzjarju tal-Unjoni għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati.
- (3) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda biss l-ekwivalenza tal-arranġamenti legali u superviżorji għal kmamar tal-ikklijar tal-futures approvati u liċenzjati taħt l-Att dwar il-Kummerċ tal-Futures ("FTA") u ssorveljati mill-Kummissjoni Superviżorja Finanzjarja ("FSC") u mhux għal arranġamenti legali jew superviżorji għal CCPs oħra stabbiliti fit-Tajwan.
- (4) L-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, iridu jintlaħqu tliet kundizzjonijiet qabel ma jista' jiġi determinat li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiżi terzi rigward is-CCPs awtorizzati hemmhekk huma ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (5) Skont l-Artikolu 25(6), punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji tal-ġurisdizzjoni tal-pajjiżi terzi ikkonċernat għandhom jiżguraw li s-CCPs awtorizzati f'dik il-ġurisdizzjoni tal-pajjiżi terzi jikkonformaw b'mod kontinwu mar-reqwiziti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-reqwiziti stabbiliti fit-*Titolu IV* ta' dan ir-Regolament.

(*) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni ma tiġix interpretata bħala li tirrifletti kwalunkwe pożizzjoni uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istatus legali tat-Tajwan.

(1) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

- (6) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għas-CCPs awtorizzati fit-Tajwan jikkonsistu fl-FTA, supplimentat mir-Regolamenti li Jirregolaw il-Kmamar tal-Ikklijar tal-Futures (“Regolamenti”) u l-Istandards li Jirregolaw it-Twaqqif ta’ Kmamar tal-Ikklijar tal-Futures (“Standards”). Regoli addizzjonali stabbiliti fir-Regolamenti li Jirregolaw it-Twaqqif ta’ Sistemi ta’ Kontroll Intern minn Intrapriżi ta’ Servizzi fis-Swieq tat-Titoli u tal-Futures, u r-Regolamenti li Jirregolaw l-Iskambji tal-Futures u r-Regolamenti li Jirregolaw Merkanti tal-Kummissjoni tal-Futures, japplikaw għal kmamar tal-ikklijar tal-futures li joperaw fit-Tajwan.
- (7) Il-kmamar tal-ikklijar tal-futures għandhom jiksbu, qabel it-twaqqif tagħhom, approvazzjoni u liċenzja tan-negozju mill-FSC. Id-Deċiżjoni preżenti tirrigwarda biss ir-reġim applikabbli għal kmamar tal-ikklijar tal-futures li jwettqu s-servizz finanzjarju approvat li joperaw kamra tal-ikklijar tal-futures fit-Tajwan kif speċifikat fl-Artikolu 2 tar-Regolamenti u huma stabbiliti skont l-Istandards.
- (8) Bl-applikazzjoni *mutatis mutandis* għal kmamar tal-ikklijar tal-futures kif previst fl-Artikolu 55 tal-FTA, l-Artikolu 7 tal-FTA jipprovdi li kamra tal-ikklijar tal-futures għandha tiġi “stabbilita bil-għan li tippromwovi l-interess pubbliku u tippreserva l-ġustizzja tat-tranżazzjonijiet tas-suq tal-futures”. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tar-Regolamenti jistipula li “n-negozji ta’ kamra tal-ikklijar tal-futures huma l-ikklijar u s-saldu għall-kummerċ tal-futures u li tipprovdi garanzija għat-tweqqif tal-kuntratt tal-futures” li jinkludi kemm derivattivi n-negozjati fil-borża kif ukoll OTC. Kamra tal-ikklijar tal-futures tikseb biss l-approvazzjoni tagħha u l-liċenzja tan-negozju għat-twaqqif tagħha fejn l-FSC tkun sodisfatta, fost affarijiet oħra, li l-promoturi ta’ kamra tal-ikklijar tal-futures warrbu kapital xieraq, għandhom pjan ta’ negozju xieraq u sod li jispeċifika l-prinċipji tal-operat tan-negozju, id-diviżjoni tal-organizzazzjoni interna, ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal, il-projezzjonijiet finanzjarji tagħha għas-sena li tibda t-taħriġ u s-sena ta’ wara, għandha riżorsi umani, tagħmir għall-ipproċessar tad-*data* u faċilitajiet fiżiċi oħra biżżejjed biex tmexxi n-negozji ta’ kamra tal-ikklijar tal-futures. L-FSC tista’, meta tiddeċiedi jekk tagħtix approvazzjoni u liċenzja tan-negozju għal kamra tal-ikklijar tal-futures, timponi kundizzjonijiet addizzjonali u teħtieġ dokumentazzjoni addizzjonali.
- (9) L-FTA jeħtieġ li l-kmamar tal-ikklijar tal-futures jadottaw regoli operattivi li jiżguraw konformità mar-rekwiżiti kollha għar-regolamentazzjoni xierqa tal-faċilitajiet tal-ikklijar u tas-saldu tal-kmamar tal-ikklijar tal-futures, inklużi r-regoli tal-inadempjenza. Il-kmamar tal-ikklijar tal-futures huma meħtieġa li jissottomettu dawk ir-regoli operattivi, u kwalunkwe emenda tagħhom, lill-FSC qabel l-implimentazzjoni tagħhom. L-FSC tista’ tirrifjuta dawk ir-regoli operattivi, jew teħtieġ emendi għal dawk ir-regoli. Skont l-Artikolu 47(2) tal-FTA, ir-regoli operattivi tal-kmamar tal-ikklijar tal-futures huma legalment vinkolanti u infurzabbli kontra membri u parteċipanti oħra wara l-approvazzjoni tagħhom mill-FSC.
- (10) Ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għal kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan għalhekk jinkludu struttura fuq żewġ livelli. Il-prinċipji ewlenin fl-FTA jistabbilixxu l-istandards ta’ livell għoli li l-kmamar tal-ikklijar tal-futures għandhom jikkonformaw magħhom biex jiksbu awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi tal-ikklijar fit-Tajwan (flimkien, ir-“regoli primarji”). Dawn ir-regoli primarji jinkludu l-ewwel livell ta’ rekwiżiti legalment vinkolanti fit-Tajwan. Sabiex tiġi ppruvata l-konformità mar-regoli primarji, l-Artikolu 47 tal-FTA jirrikjedi li l-kmamar tal-ikklijar tal-futures jstabbilixxu u jissottomettu r-regoli operattivi tagħhom lill-FSC għall-approvazzjoni qabel l-implimentazzjoni tagħhom u l-FSC tista’ tipprevjenihom, ma tgħaddihomx jew temendahom. Dawk ir-regoli operattivi jinkludu t-tieni livell ta’ rekwiżiti fit-Tajwan.
- (11) Il-valutazzjoni ta’ jekk l-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal kmamar tal-ikklijar tal-futures fit-Tajwan humiex ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha tqis ukoll ir-riżultat tal-mitigazzjoni tar-riskju li dawk l-arranġamenti jiżguraw f’termini ta’ livell ta’ riskju li għalihom huma esposti l-membri tal-ikklijar u ċ-ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni meta jipparteċipaw f’dawn il-kmamar tal-ikklijar tal-futures. Dak l-eżitu tal-mitigazzjoni tar-riskju huwa determinat kemm mill-livell ta’ riskju inerenti fl-attivitajiet ta’ klijar imwettqa mis-CCP ikkonċernata, li jiddependi mid-daqs tas-suq finanzjarju li topera fih, kif ukoll minn kemm huma xierqa l-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għas-CCPs biex inaqqsu dak il-livell ta’ riskju. Sabiex jinkiseb eżitu ekwivalenti ta’ mitigazzjoni tar-riskju, rekwiżiti ta’ mitigazzjoni tar-riskju aktar stretti huma neċessarji għas-CCPs li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji ikbar, fejn il-livell ta’ riskju inerenti huwa ogħla, minn dawk ta’ CCPs li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fi swieq finanzjarji iżgħar, fejn il-livell ta’ riskju inerenti huwa iktar baxx.

- (12) Is-swieq finanzjarji li fihom kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan iwettqu l-attivitajiet tal-ikklijar tagħhom huma ferm iżgħar minn dawk li fihom is-CCPs stabbiliti fl-Unjoni huma attivi. Għalhekk, meta membri tal-ikklijar u ċentri tan-negozjar stabbiliti fl-Unjoni jipparteċipaw f'kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan, huma esposti għal riskji ferm aktar baxxi milli meta jipparteċipaw f'CCPs awtorizzati fl-Unjoni.
- (13) L-arranġamenti legali u superviżorji applikabbli għal kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan jistgħu għalhekk jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fejn dawk l-arranġamenti jkunu xierqa biex itaffu dak il-livell aktar baxx ta' riskju. Ir-regoli primarji applikabbli għal dawk il-kmamar tal-ikklijar tal-futures, ikkumpliementati mir-regoli operattivi tagħhom itaffu l-livell aktar baxx ta' riskju eżistenti fit-Tajwan u jiksbru riżultat ta' mitigazzjoni tar-riskju li huwa ekwivalenti għal dak segwit mir-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (14) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji tat-Tajwan jiżguraw li l-kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati hemm jikkonformaw ma' rekwiżiti legalment vinkolanti li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati fit-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.
- (15) Skont l-Artikolu 25(6), punt (b), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti superviżorji ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz fir-rigward ta' CCPs awtorizzati hemmhekk iridu jipprovdu għal superviżjoni effettiva ta' dawk is-CCPs u l-infurzar ta' dawk ir-rekwiżiti fuq bażi kontinwa.
- (16) Ladarba approvata u liċenzjata kamra tal-ikklijar tal-futures tkun soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fl-FTA u s-superviżjoni mill-FSC fuq bażi kontinwa, kif ukoll is-sorveljanza mill-bank ċentrali tat-Tajwan fl-ambitu tal-materji amministrattivi tal-bank. L-FSC timmonitorja l-kmamar tal-ikklijar tal-futures fit-Tajwan biex tiżgura l-konformità mal-qafas legali applikabbli. L-FSC għandha s-setgħa komprensiva taħt l-Artikoli 100 u 101 tal-FTA biex tippenalizza l-kmamar tal-ikklijar tal-futures, inkluż, fost affarijiet oħra, is-setgħa li tirtira l-approvazzjoni u l-liċenzja tan-negozju tal-kmamar tal-ikklijar tal-futures u s-setgħa li timponi sanzjonijiet. Is-superviżjoni ta' kuljum titwettagħ mill-FSC skont l-Artikolu 4 tal-FTA. L-FTA jagħti lill-FSC setgħat qawwija biex tinforza l-liġijiet u r-regoli tiegħu skont l-Artikoli 95 sa 120 tal-FTA. L-FSC għandha s-setgħa li twettaq investigazzjonijiet dwar ksur suspettat tar-regoli tagħha, u għandha setgħat li twettaq spezzjonijiet, tikseb b'mod obbligatorju kotba u rekords u titlob lill-kmamar tal-ikklijar tal-futures biex jemendaw ir-regoli operattivi tagħhom.
- (17) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan huma soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.
- (18) Skont l-Artikolu 25(6), il-punt (c), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, il-qafas legali ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz irid jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs awtorizzati taħt reġimi legali ta' pajjiżi terzi ('CCPs ta' pajjiżi terzi').
- (19) CCPs ta' pajjiżi terzi li jridu jikklijaw derivattivi fit-Tajwan iridu japplikaw lill-FSC għall-approvazzjoni skont l-Istandards. Skont l-Artikolu 45(1), it-2 parti, tal-FTA, approvazzjoni u liċenzja tan-negozju biex titħaddem kamra tal-ikklijar tal-futures jistgħu wkoll jinkisbu minn "istituzzjonijiet oħra" li jinkludu CCPs stabbiliti barra t-Tajwan. Għal tali CCPs ta' pajjiżi terzi japplikaw ir-rekwiżiti legalment vinkolanti applikabbli għal CCPs awtorizzati fit-Tajwan. Barra minn hekk, CCPs ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu rikonoxxuti mill-FSC skont ir-Regola ta' Rikonoxximent tas-CCPs Barranin u approċċ ta' żewġ xenarji għar-rikonoxximent huwa kif ġej: Fejn ir-regolamenti ta' superviżjoni u r-reġim regolatorju ta' CCP barranija huma konformi mal-Prinċipji għall-Infrastrutturi tas-Suq Finanzjarju (PFMIs) maħruġa mill-Kumitat dwar il-Pagamenti u l-Infrastrutturi tas-Suq (CPMI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) jew standards internazzjonali rikonoxxuti mill-FSC, u CCP barranija tkun għet rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi bħala CCP Kwalifikanti (QCCP) li CCP tista' tipprovdi servizzi ta' klijar ta' derivattivi OTC lill-istituzzjonijiet finanzjarji Tajwaniżi. Fejn CCP barranija ma tkunx għet

rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz bħala QCCP u jkollha l-ħsieb li tapplika għal rikonoxximent bħala QCCP mill-FSC, is-CCP barranija għandha tissottometti applikazzjoni lill-FSC li turi l-kwalifika tagħha bħala QCCP taħt ir-rekwiżiti kapitali għal skoperturi bankarji għal kontropartijiet ċentrali tal-Kumitat ta' Basel għas-Superviżjoni Bankarja. Dan jippermetti lill-membri tal-ikklijar Tajwaniżi japplikaw piżijiet ta' riskju aktar baxxi għal skoperturi għal tali CCPs ta' pajjiżi terzi. Skont l-Artikolu 6 tal-FTA, l-FSC għandha s-setgħa li "tidħol fi ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' aġenziji tal-gvernijiet barranin, istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet internazzjonali biex tiffaċilita kwistjonijiet bħal skambju ta' informazzjoni, kooperazzjoni teknika, u assistenza fl-investigazzjoni".

- (20) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-arranġamenti legali u superviżorji tat-Tajwan jipprevedu għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiż terz.
- (21) Din id-Deċiżjoni hija bbażata fuq ir-rekwiżiti legalment vinkolanti li jirrigwardaw kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati applikabbli fit-Tajwan meta kienet adottata d-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq se jkomplu jimmonitorjaw fuq bażi regolari l-evoluzzjoni tal-qafas legali u superviżorju għall-kmamar tal-ikklijar tal-futures u l-issodisfar tal-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom ittieħdet din id-Deċiżjoni.
- (22) Mill-inqas kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tirrevedi r-raġunijiet li abbażi tagħhom l-arranġamenti legali u superviżorji tat-Tajwan jitqiesu ekwivalenti għall-arranġamenti legali u superviżorji tal-Unjoni. Tali rieżamijiet regolari għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Kummissjoni li twettaq rieżami speċifiku fi kwalunkwe ħin fejn l-iżviluppi rilevanti jagħmluha neċessarja għall-Kummissjoni li tivvaluta mill-ġdid l-ekwivalenza ta' dawk l-arranġamenti legali u superviżorji mal-arranġamenti legali u superviżorji tal-Unjoni. Abbażi tas-sejbiet minn dawk ir-ieżamijiet, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li temenda jew tħassar din id-Deċiżjoni fi kwalunkwe ħin, b'mod partikolari fejn l-iżviluppi regolatorji u superviżorji fit-Tajwan jaffettwaw il-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom tiġi adottata din id-Deċiżjoni.
- (23) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-finijiet tal-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-arranġamenti legali u superviżorji tat-Tajwan li jikkonsistu fl-Att dwar il-Kummerċ tal-Futures, ir-Regolamenti li Jirregolaw il-Kmamar tal-Ikklijar tal-Futures u l-Istandards li Jirregolaw l-Istabbiliment ta' Kmamar tal-Ikklijar tal-Futures u li huma applikabbli għal kmamar tal-ikklijar tal-futures awtorizzati fit-Tajwan għandhom jitqiesu ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Artikolu 2

Sat-28 ta' Settembru 2022 u, kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tirrevedi r-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
